## Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 29 ta’ Jannar 2025

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR ANTONELLO MAGRI)**

**Vs**

**FRANCIS MUSCAT MELITO**
(K.I. 60272M)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Francis Muscat Melito** detentur tal-karta ta’ l-identità Nru 60272M imwieled il-Pietà nhar is-7 ta’ Jannar 1972 bin Paul u Mary Rose nee’ Melito residenti fi 9, Trejqa Antonio Mallia, Pembroke u akkużat talli nhar l-10 ta' Ottubru 2024 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, f’diversi ħinijiet u diversi bnadi ġewwa dawn l-Gżejjer Maltin:

1. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju, jew missu kien jaf lil Mandy Attard, (sieħba tiegħu u/jew li għandha tarbija minnu) u dan bi ksur ta' artikolu 251A (1)(a); 251A (4); 251HA u 202(h) tal-kodiċi Kriminali ta' Malta.

2. Għamel inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Mandy Attard u dan bi sur ta' artikolu 339(1)(e) tal-kodiċi Kriminali.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Francis Muscat Melito għall-benefiċċju ta' Mandy Attard dan ai termini ta' artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Francis Muscat Melito, dan u f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuna tħallas id-danni stabbiliti skond l-artiklu 532A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2024 l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Illi l-Qorti semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat illi fl-istess seduta il-Qorti ordnat li jitwettaq pre-sentencing report fil-konfront tiegħu;

Rat illi l-parte ċivile Mandy Attard issottomettiet nota fit-12 ta' Novembru 2024 fejn permezz tagħha irtirat l-azzjoni kriminali fl-isfond li irrikonċiljat ma żewġha l-akkużat u li ma hemmx ħtieġa li tibqa fis-seħħ l-Ordni ta' Protezzjoni peress li tixtieq tibqa' tgħix ma żewgha mill-ġdid;

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża ;

Ikkunsidrat:-

Illi qabel ma tipproċedi ulterjorment, il-Qorti ser teżamina jekk, wara d-dikjarazzjoni tal-parte civile, il-Qorti tistax tkompli tittratta mal-akkużat u għal-liema reati.

Illi permezz tan-nota tagħha, sottomessa u ffirmata mill-avukat tal-akkużat stess, il-parte ċivile ddikjarat illi hija qed tirtira l-azzjoni kriminali, liema dikjarazzjoni saret ukoll waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2025 fejn ġie preċiżat li hija qed tirtira l-kwerela tagħha u mhux qed tmexxi taħt l-Artikolu 543(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi stabbilit dan, l-Artikolu 545(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola illi:-

> "**545.**(1) Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa ħlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', f'kull żmien sa ma tingħata s-sentenza finali, jirrinunzja għall-kwerela li huwa jkun ġa għamel"

Illi għalhekk, sabiex l-irtirar ta' kwerela jissarraf fit-twaqqif tal-proċeduri, l-ewwel element neċessarju huwa l-ħtieġa li l-azzjoni tkun *ad validatem* teħtieġ li l-kwerela tal-parti leża tibqa' viġenti matul il-proċediment kollu.

Illi l-ewwel akkuża miġjuba kontra l-akkużat hija dik magħrufa bħala "fastidju" ai termini tal-Artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Roderick Farrugia**,[1] Farrugia kellu numru konsiderevoli ta' akkużi, fosthom l-akkuża tal-fastidju ai termini tal-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali u l-*parte civile* f'dawk il-proċeduri rtirat wkoll il-kwerela. F'dik is-sentenza, il-Qorti rriteniet illi:

> "*Illi kwantu għal dak verbalizzat mill-Parte Civile li riedet tirtira l-ilment tagħha u tirrinunzja għall-imputazzjonijiet li kienu rinunzjabbli, f'dal-każ m'hemm l-*

[1] **Il-Pulizija vs Roderick Farrugia**, Qorti tal-Maġistrati (Malta), 15 ta' April 2019.

*ebda imputazzjoni li jistgħu jiġu rtirati jew estinti permezz ta' din id-dikjarazzjoni u dan peress li l-azzjoni li ttieħdet f'dan il-każ kienet inizjata ex officio u li ma kinitx tirrekjedi l-kwerela tal-parti sabiex tinbeda l-azzjoni penali."*

Illi akkuża taħt l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali tista' titmexxa *ex officio* mill-prosekuzzjoni u konsegwentement ma teħtieġx il-kwerela tal-parti leża. Għalhekkm, il-Qorti ser tkompli billi titrratta l-ewwel akkuża kif dedotta kontra l-akkużat.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tat-tieni akkuża, ossija l-kontravenzjoni riportata fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, is-sitwazzjoni hija kemmxejn differenti. Filfatt, l-Artikolu 339(2) tal-Kodiċi Kriminali jistipola illi:

*"(2) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(d), (e), (l) u (o),ma tittieħed ebda proċedura jekk mhux bil-kwerela tal-parti."*

Illi għalhekk, sabiex il-Qorti tkompli titratta din it-tieni akkuża, jeħtieġ li l-azzjoni tal-parte ċivile tibqa' viġenti. F'dan il-proċeduri, il-parti leża irtirat l-azzjoni kriminali tagħha u għalhekk il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tieni akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2025, ġie vverbalizzat is-segwenti:

*"Dr Gatt ghad-difiza qieghed jirtira l-ammissjoni registrata mill-akkuzat u dana fid-dawl tal-fatt illi il-parte civile irtirirat l-azzjoni kriminali fiz-zewg akkuzi dedoti kontra l-akkuzat, liema akkuzi minn natura taghhom huma rinunzjabbli."*

Illi dwar l-irtirar ta' l-ammissjoni quddiem il-Qorti, ġie ritenut fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Attard**[2] illi:

*"Fis-sistema penali taghna hadd m'huwa obbligat illi jammetti l-htija tieghu kemm jekk hu akkuzat quddiem il-Qrati tal-Magistrati, kif ukoll jekk permezz ta' Att ta' Akkuza quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali. Is-sistema legali taghna mhux biss tipprovdi ghal protezzjoni ta' l-akkuzat billi fl-ewwel lok tipprezumih innocenti sakemm misjub hati, imma taghmilha tassattiva li jekk ikun jixtieq ikun difiz permezz ta' avukat li jaghzel hu, li jekk m'ghandux mezzi biex jipprokura avukat dan jigi provdut lilu, u li, anke jekk wara li jinqrawlu l-akkuzi migjuba kontrih huwa jiddeciedi li jammetti, il-Qorti li tkun ma tistax tghaddi biex tirregistra l-ammissjoni ta' htija qabel ma twissih serjament dwar il-konsegwenzi li ggorr maghha tali ammissjoni, tispjegalu dak li hu necessarju li jigi spjegat, u ttih zmien wara li tistiednu biex jahsibha mill-gdid biex jara jekk iridx isostni l-ammissjoni tieghu jew jekk jippreferix illi jirtira dik l-ammissjoni u jikkontesta l-akkuzi migjuba kontrih, in toto jew in parte.*

*Dan kollu qieghed fil-Kodici Kriminali ghaliex il-gustizzja hekk tirrikjedi, u certament id-disposizzjonijiet relativi jezistu fil-Kodici Kriminali taghna biex tigi tutelata l-gustizzja fil-process kriminali u anke d-drittijiet ta' l-akkuzat.*

*Kif inghad l-akkuzat li jkun huwa liberu li jirrispondi jekk hux hati jew le ghall-akkuzi migjuba kontrih, u anke li ma jirrispondix. Pero` ma tistax tigi tollerata sistema fejn l-akkuzat li jkun, wara li jammetti u jirribadixxi l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti tkun tatu l-monitu rikjest ta' l-artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali jerga' jibdielu u jitlob li jirtira l-ammissjoni tieghu bhallikieku qatt ma kien xejn sakemm ma jkunx hemm verament raguni valida li tipprevali. Wisq u wisq aktar din il-Qorti ma tistax tittollera sitwazzjoni fejn l-appellant jippretendi li jgib il-quddiem pretest li abbazi tieghu jitlob li jkollu l-facilita` jew il-fakolta` li jirtira l-ammissjoni tieghu debitament maghmula u registrata*

[2] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Attard**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) 26 ta' April 2001 (Att ta' Akkuża Nru 3/1997).

*minghajr ma, almenu, igib prova li dik l-ammissjoni hija nficjata minn xi fattur serju daqstant li legalment il-Qorti tkun obbligata li tiehdu in konsiderazzjoni.*

*Aktar milli fil-fatt hu rilevanti f'dan il-kaz jekk l-appellant kienx assistit mill-avukat tieghu fil-kors kollu tal-proceduri, u aktar milli hu importanti l-fatt illi l-ammissjoni saret wara li nghata l-monitu u z-zmien mill-Qorti msemmija fl-artikolu msemmi, huwa determinanti l-fatt illi l-appellanti semplicement ghamel allegazzjoni li l-ammissjoni tieghu saret fi stat ta' agitazzjoni tal-mohh meta hu kien ihossu mhedded u mbezza', f'cirkostanzi fejn ma hemm xejn x'jindika li dan kien hekk, u meta m'huwiex qieghed joffri prova, zghira kemm hi zghira, ta' daqshekk, anqas ta' l-istess xhieda tieghu. Hu ovvju li tkun qed taghmel zball kbir din il-Qorti, kif kienet tkun ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti, kieku fuq is-semplici sottomissjoni ta' l-appellant, f'mument fejn kien jaqbillu jghid hekk, cioe`, li l-ammissjoni tieghu hu kien ghamilha ghax kien imbezza', il-Qorti tghaddi biex takkolji t-talba tieghu biex tigi kancellata l-ammissjoni debitament maghmula u registrata skond il-ligi bhallikieku din qatt ma saret."*

Illi r-raġuni mogħtjia mill-akkużat għall-irtirar tal-ammissjoni hija għaliex il-parte ċivile irtirat l-azzjoni odjerna u għaliex, skontu, l-akkużi huma min-natura tagħhom rinunzjabbli. Kif determinat aktar 'l fuq, għalkemm l-akkużat għandu raġun fir-rigward tat-tieni akkuża, m'għandux raġun fir-rigward tal-ewwel akkżuża u dato li l-akkużat rabat l-irtirar tal-ammissjoni tiegħu mas-sottomissjoni li anke din l-akkuża hija rinunzjabbli, il-Qorti ma tistax tgħaddi biex takkolji u taċċetta l-irtirar tal-ammissjoni tiegħu.

Ikkunsidrat;

Illi mill-*pre-sentencing report* jirriżulta illi l-akkużat għandu passat stabbli. Għandu impjieg u residenza fissa u ilu jgħix mal-partner tiegħu, ossija l-parte ċivile, għal numru kbir ta' snin. Bejniethom għandhom żewġt' itfal li llum-il ġurnata huma maġġorenni. Jirriżulta li f'dawn l-aħħar snin l-akkużat żviluppa kondizzjoni medika f'għajn minnhom u għandu bżonn jagħmel intervent mediku separat ukoll. Dawn il-kondizzjonjiet qed jikkaġunawlu ħafna frustrazzjoni u sfortunatament joħroġ din il-frustrazzjoni ma dawk qrib tiegħu. Jirriżulta wkoll li huwa ġieli abbuża minn sustanzi

illeċiti iżda tlieta mill-ħames kampjuni tal-urina sottomessi lill-uffiċjal tal-probation irriżultaw negattivi għal dawn is-sustanzi.

Jidher ċar mir-rapport illi l-akkużat għandu problema sabiex jikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħu, speċjalment l-emozzjonijiet negattivi bħala rabja, kif del resto jixhdu l-kawżi passati tiegħu. Illi filfatt, l-uffiċjal tal-probation jikkummenta li jkun għaqli li l-akkużat iwaqqaf l-użu mid-droga peress li din tikkawża biddla fl-atteġġjament tiegħu u huwa neċessarju li jieħu trattament sabiex jikkontrolla aħjar l-emozzjonijiet tiegħu filwaqt li hemm ħtieġa ta' progress fil-komunikazzjoni bejnu u bejn il-parte civile.

Illi l-uffiċjal tal-probation jikkonkludi li l-akkużat għandu jingħata Ordni ta' Probation fil-massimu tagħha sabiex jiġi evalwat l-andament tiegħu fir-rigward tal-abbuż tas-sustanzi u jieħu trattament psikoloġiku bil-għan li jikkontrolla aħjar l-emozzjonijiet tiegħu. Finalment, sabiex jiġi reġistrat titjib fid-dinamika ta' bejnu u bejn il-partner tiegħu, dawn għandhom jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' family therapy biex l-ambjent id-dar ikun aktar felici.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti ftit għandha xi żżid mal-konklużjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation. Mir-rapport jirriżulta li l-akkużat għandu bżonn ftit gwida sabiex ikun jista' jitgħallem jikkontrolla l-emozzjonijiet negattivi tiegħu. Il-Qorti tqis li din hija opportunità li għandu jibbenefika minnha l-akkużat u għalhekk il-Qorti tqis li jkun ta' ġid għall-akkużat jekk jitpoġġa taħt Ordni ta' Probation u anke taħt Ordni ta' Trattament, bilgħan li jkun jista' jindirizza dawn id-diffikultajiet tiegħu.

Illi finalment, il-parte ċivile ddikjarat fin-nota tagħha illi hija tixtieq tirrikonċilja mal-akkużat u jerġgħu jibdew jgħixu flimkien. Il-Qorti ma tarax raġuni għalfejn għandha tindaħal f'din ix-xewqa u għalhekk, filwaqt li l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ taħt l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali ser jintemm ma din is-sentenza, ma tarax il-ħtieġa li tagħmel Ordni ta' Trażżin skont l-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 251A(1)(a)(4), 251HA u 202(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Francis Muscat Melito <u>ħati</u>** tal-ewwel akkuża dedotta kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tpoġġih taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum, bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment filwaqt li qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuża.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju, l-import ta' din is-sentenza, u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien sentejn (2), u jekk ma joqgħodx għall-ordnijiet lilu mogħtija.

Illi Inoltre, il-Qorti qed toħroġ ukoll Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għal perijodu ta' sentejn (2) mil-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment;

Illi għall-kull buon fini, jiġi dikjarat illi l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-11 ta' Ottubru 2024 taħt l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali huwa b'din is-sentenza itterminat.

Illi finalment, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma ġew nominati ebda esperti f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza, lid-Direttur tal-Uffiċju tal-Probation.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**

**Deputat Reġistratur**